Qiegħdin inġibu ta' Pawlu Portelli li għogbu jikteb sabiex isem Patri Salv Portelli OSA, l-ewwel kappillan tal-Parroċċa tagħna ta' Santu Wistin, jibqa' dejjem imfakkar.



**Patri Salv Portelli O.S.A**

Tnejn w għoxrin ta' Ġunju
Is-sena hi erbatax
Kien twieled ġo Ħal-Lija
Ir-raba' huwa fost ħdax

Dan id-daqsxejn ta' tfajjel
Bin Karmnu w Katarin
Portelli kien kunjomu
W għal patri id-destin

Agostinjana l-Ordni
Li magħha hu kien beda
Kienet xewqa ta' ħajtu
Li Alla bih jinqeda

Hmistax-il sena kellu
Tmin snin dam jistennija
Biex il-missieru ferrah
U l-aħbar l-ommu jagħtiha

L-ewwel quddiesa għamilha
Ta' Llulju kien ix-xahar
Seba' u tlettin is-sena
Meta patri kien sar

Sa mill-ewwel ġurnata
Ra taraġ tas-suċċess
Fl-istudju nklana ħafna
Għall-priedki l-interess

Sar l-aktar popolari
Priedtka għal-lonq il-gżira
Il-kelma kienet soda
Lilu kulħadd ammira

Meta xi ħadd f'ta xi raħal
Jagħmel iċ-ċentinarju
Lil patri Salv iqabbad
Biex jagħmillu l-orarju

Paniġirku mill-isbaħ
Kien dak tas-Salvatur
Li dan ħareġ minn qalbu
Biex itih kull unur

U fejn ma semmax lehnu?
U fejn m'għamilx xi tridu?
Kull knisja Malta w Għawdex
Għaddew kollha minn idu

Sitta w tmenin is-sena
Mar-raħal ġriet l-aħbar
Li patri Salv Portelli
Sar l-ewwel kappillan

Fil-Belt saret parroċċa
Santu Wistin bagħatuh
Hemm hu beda ħidmietu
U l-aħjar huma għamluh

Sentejn dam huwa jservi
Hemmhekk ta' kappillan
Hu dejjem poġġa l-ewwel
Lil Alla s- setgħan

Żmienu wasal għal tmiemu
Fis-sena erba' u tmenin
Li patri Salv Portelli
Halliena imbekmin

Pawlu Portelli 5/4/09







# Frott bnin tal-Viżta Pastorali





Fraħt meta s-sena l-oħra l-kappillan, P. Saviour Grima OSA, ħabbarli li l-Arċisqof, Mons. Pawlu Cremon OP, kien ħa jagħmel il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna fix-xahar ta' Marzu ta' din is-sena. Imma biex ngħid is-sewwa għall-ewwel ma tajthiex importanza kbira u dan minħabba li meta kont ngħix fl-Alġerija, ġewwa Ippona, kważi ta' kull xahar kien ikollna l-isqof magħna u konna niddiskutu l-problemi kollha tagħna miegħu fi spirtu tassew fratern u bla ebda formaliżmu. Issa li kollox għadda nistqarr li l-Viżta Pastorali tal-Arċisqof kienet tassew Viżta ta' ragħaj li ġie jżur u jgħix mal-komunita' nisranija u reliġjuża. Dan nista' ngħidu wkoll dwar id-diversi responsabbli tal-Kurja li kienu mdaħħla f'din il-Viżta: kollha wrew sens pastorali qawwi.

**Mons. Arċisqof kien tassew ragħaj.**

Waqt il-Viżta tiegħu, kull wieħed minna seta' jara fl-Arċisqof ir-ragħaj li jmexxi l-merħla ta' Kristu skond is-sentimenti ta' Kristu. Fih kulħadd seta' jara l-missier li ġie sabiex tassew jisma' u jesperimenta l-ferħ u t-tneħid tal-komunita'. Ukoll jekk it-tbissima fuq wiċċu hija xi ħaġa naturali għalih madakollu fil-jiem li kien magħna din it-tbissima ta' spiss kienet tinbidel f'attitudini ta' ferħ għal dak li kien qiegħed jisma' u jara, f'attitudini ta' komprenzjoni quddiem il-weġgħat u fuq kollox ta' inkuraġġament lid-dversi persuni u gruppi li ltaqa' magħhom. L-Arċisqof ħa ż-żmien tiegħu biex idur, jisma u jara; niżel għal-livell tal-kbar u żgħar u magħhom qasam ideat, emozzjonijiet u saħansitra xi ċajta.

**Parroċċa ħajja.**

Il-Viżta Pastorali wriet biċ-ċar li l-parroċċa tagħna hija parroċċa ħajja u li qiegħed isir ħafna xogħol kemm

